**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Lulju, 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1594/00JR**

**Grima Communications Ltd**

**vs**

**Martin Agius Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-29 ta' Settembru 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u zewg liri Maltin u erbghin centezmi (Lm202.40c), rappresentanti pakkkett ta' reklami li l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici li fuqhhom baqghalu jithallas l-ammont ta' Lm202.40c.**

**Minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut baqa' inadempjenti u b'hekk kellha ssir din il-kawza.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ippresentata fit-23 ta' Ottubru 2000 fejn ecepixxa illi:-**

**It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba inadempjenza.**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Grima, Elsie Curmi, Michael Zammit u Dr Lynn Zahra u Franco Grech.**

**Ikkunsidra:**

**Illi t-talba tikkoncerna hlas ghar-reklamar li ordna l-konvenut minghand is-socjeta' attrici.**

**L-ordni nkwistjoni tinsab esibita bhala Dok JC u ggib id-data tal-21 ta' Mejju 1998. Dina l-ordni hija ffirmata minn Elsie Curmi li kienet dehret ghas-socjeta' attrici u Franco Grech ghas-socjeta' konvenuta.**

**Jirrizulta illi kien sar depozitu ta' mitt lira (Lm100.00) mal-kuntratt u li l-kien hemm bilanc ta' mitejn u zewg liri maltin u erbghin centezmu (Lm202.40c).**

**Jirrizulta illi s-socjeta' attrici kienet tinghata l-informazzjoni mis-socjeta' CSB Limited dwar il-bilanc dovut, peress li kienet din inkarigata li tinforma dwar reklami li jkunu hargu, apparti li tiehu hsieb l-invoicing u tohrog l-ircevuti.**

**Kif xehed Michael Zammit tas-socjeta' CSB Limited il-kont kien jinhareg fuq sistema komputerizzata u kienu johorgu l-invoice matul ix-xahar, u jindikaw x'reklami saru.**

**Jigi relevant li skond Franco Grech l-ordni Dok JC iggib in-numru 000467, u dak indikat bin-numru 1413 b'asterix ahmar hdejh ma kienx jezisti meta ffirma l-ordni.**

**It-Tribunal jinnota illi ma hemmx prova konklusiva dwar in-nuqqas ta' veracita' tal-kuntratt, anzi piuttost l-oppost. Jidher illi l-ordni 1413 kien sar wara l-ewwel ordni, pero` dana sar. Ghaldaqstant l-ammont jidher li hu dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn u zewg liri maltin u erbghin centezmu (Lm202.40c).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**